MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Numru. 939/2008

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Magri**

**vs**

**Peter Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Peter Borg ta' 28 sena bin Peter u Mary nee' Farrugia mwieled Attard fil-14 ta' Novembru 1979 u residenti fil-fond numru 7 Triq Jannara, B' Kara u detentur tal-karta tal-identita' numru 557979(m) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fis-7 ta' Dicembru 2007 ghall-habta tad-8.49 ta' filghodu f' dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded lil Sonia Bonello bhala ufficjal pubbliku fil-Qrati ta' Malta, liema theddida kienet

tikkonsisti li kien tpogga materjal splussiv (bomba) fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja fil-Belt Valletta, b' theddida li kienet se tittiehed il-hajja jew il-liberta' tal-persuni u/jew li se tigi perikolata l-hajja tal-persuni li kien hemm f' dak il-hin, kif ukoll li se tigi kagunata distruzzjoni estensiva fl-istess bini.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, talli b' din l-imgieba tieghu ikkaguna lil Sonia Bonello bhala ufficjal pubbliku u lil haddiehor, jibzghu li se tintuza vjolenza kontra taghhom meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lill-istess Sonia Bonello u lil xi haddiehor hekk jibzghu, tant li gie evakwat l-istess bini tal-Qorti.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel reat bil-hsieb li jgieghel lil Sonia Bonello bhala Ufficjal Pubbliku u lil haddiehor jaghmlu jew jonqsu milli jaghmlu xi haga.

Sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 17 ta' Settembru 2009 (esebita a fol. 293 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 251B (1), 251B (2), 251 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fl-artikoli 35A (a), 25A (b), 35A (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fl-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Settembru 2009, l-imputat ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-provi.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku minnha nominat liema rapport jinsab inserit a fol. 286 tal-process.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-7 ta' Dicembru 2007, fit-8.49.20am, dahlet telefonata fuq in-numru tat-telephone tal-Qorti fuq in-numru 2590 2000, liema telefonata giet trasferita fuq l-extension ta' Sonia Bonello, is-segretarja tad-Direttur Generali tal-Qorti, fejn persuna b'lehen maskili qalilha 'hemmhekk il-Qorti', u meta hija rrispondiet fl-affirmattiv il-persuna fuq in-naha l-ohra tal-linja qalilha « ghandkhom bomba dalwaqt tisplodi » u meta hija qaltlu « sorry » huwa rega' qalilha l-kliem « ghandkom bomba dalwaqt tisplodi » u imbaghad waqghet il-linja. Mix-xhieda ta' Sonia Bonello (traskrizzjoni relattiva nserita a fol. 14 sa 16 tal-process) jirrizulta li s-sett li fuqu dahlet it-telefonata ghandu l-facilita' tal-ID caller u li fil-hin li dahlet it-telefonata hija setghat tara li l-istess telefonata kienet gejja mill-linja bin-numru 99839805. Hija hadet notament ta' dak in-numru u sar rapport l-Ghassa tal-Belt kif ukoll direttament lil Kummissarju tal-Pulizija. Gie ukoll sgumbrat l-edificcju tal-Qorti ghal bejn wiehed u iehor tletin (30) minuta sakemm saru l-verifiki necessarji mill-Membri tal-Bomb Disposal Unit tal-Forzi Armati liema tfitxijiet irrizultaw fin-negattiv. Minn investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija fejn talbu d-data u l-informazzjoni kollha lis-service providers tal-telekomunikazzjonijiet lokali, rrizulta li din it-telefonata kienet saret minn apparat cellulari li ghandu l-IMEI number 35837500911392 u li dan l-apparat cellulari kien qed jithaddem b'linja/SIM card li kellha MSISDN numru 99839805. Wara li saret din it-telefonata fl-edificcju tal-Qorti il-linja bin-numru 99839805 ma baqghetx tintuza izda l-apparat cellulari bl- l-IMEI number 35837500911392 beda' jithaddem b' MSISDN 99238764  Wara li l-Pulizija ezaminat il-call profiles rigwardanti dawn l-IMEI numbers u MSISDN numbers waslet ghall-konkluzjoni li l-apparat cellulari bl-IMEI number 35837500911392 li kien qed jintuza bl- MSISDN 99238764 kien qed jintuza minn certu Peter Borg li ghandu l-karta tal-identita' numru 391356(M),

li huwa missier l-imputat fil-kawza odjerna. Wara li l-Pulizija baghtet ghall-imsemmi Peter Borg Senior (ID 391356(M) hu kkonferma lli kien juza l-linja 99238764 izda qal li huwa kien qed juza din il-linja minn fuq mobile cellulari li kellu IMEI number 359399007000147. Huwa qal lil Pulizija li precedentement huwa kellu mobile phone iehor tal-marka Nokia li kien juzah bil-linja MSISDN 99238764 izda spjega li dan l-apparat cellulari kien tilfu jew insteraqlu waqt li huwa kien fuq il-Fosos tal-Furjana fis-6 ta’ Marzu 2008. Minn fuq il-mobile bl-IMEI 359399007000147 li gie elevat mill-Pulizija minghand Peter Borg Senior u li gie esebit f’dawn l-atti u huwa mmarkat bhala Dok. CM1 ittiehdu diversi numri minn fuq il-contact list jew phone book, liema lista hija mmarkata bhala Dok. CM 2 fosthom in-numru 9999 9699 bl-isem Peter 2 u 9933 3555 bl-isem Peter 1 u 9911 1177 bl-isem Kelly. Meta Peter Borg senior gie mitlub ta’ min kienu dawn in-numri Peter 1 u Peter 2 u Kelly huwa spjega li dawk kienu ta ibnu Peter Borg (karta tal-identita’ numru 557979(m) u cioe’ l-imputat fil-kawza odjena u Kelly kienet it-tfajla ta’ Peter Borg Junior. Peress li l-Pulizija riedet tirrintraccja l-apparat cellulari bl-IMEI 35837500911392 peress illi t-telefonata fejn saret it-theddida ta’ bomba fl-edificcju tal-Qorti kienet saret minn tali apparat cellulari saru verifiki ulterjuri mal-Vodafone plc dwar minn min kien qed jintuza l-mobile phone bl-IMEI 35837500911392 u minn din l-indagni rrizulta li effettivament l-IMEI 35837500911392 intuza l-ahhar bil-linja MSISDN 99238764 fit-8 ta’ Marzu 2008 u li sussegwentement, u cioe’ wara t-8 ta’ Marzu 2008, l-IMEI 35837500911392 beda jintuza bl- MSISDN 99283013 u din il-linja kienet registrata f’isem Mary Grace Borg minn Rahal Gdid. Din il-persuna giet interrogata mill-Pulizija u ammettiet li hija kienet serqet il-mobile phone minghand ragel li kien fuq il-Fosos tal-Furjana u li kienet qed tuza dan il-mobile phone bil-linja registrata f’isimha u cioe’ MSISDN 99283013. Hija fil-fatt ghaddiet il-mobile phone bin-numru IMEI 35837500911392 lil Pulizija u fil-fatt kif ikkonfermat hija stess meta xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-5 ta’ Jannar 2009 ittiehdu proceduri fil-konfronti taghha fejn hija giet akkuzata bis-serq tal-mobile phone in kwistjoni u fejn hija ammettiet din l-akkuza u nstabet hatja tal-istess

akkuza. Mill-indagni li ghamlet il-Pulizija u sussegwentement mill-provi migjuba f'dan il-kaz permezz tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mir-rapprezentant tal-Vodafone plc Damaris Mifsud li xehdet fl-udjenza tal-20 ta Novembru 2008 u tat-12 ta' Frar 2009 irrizulta li millI-MSISDN 9983 9805, u cioe' il-linja li minn fuqha saret it-theddida ta' bomba, fis-7 ta' Dicembru 2007, apparti t-telefonata anonima, kenu saru zewg telefonati ohra, u din il-linja ntuzat bil-mobile phone li kellu l-IMEI number 35640301567761. Zewg kuntatti saru lejn is-servizz provdut mill-Vodafone sabiex wiehed jittopja l-card fuq in-numru 99123, wahda fis-7.59.38 u l-ohra fit-8.00.04. Gie stabbilit ukoll li dan l-apparat cellulari bin-numru IMEI 35640301567761 kien qed jintuza bl- MSISDN 9933 3555 u bil- MSISDN 9911 1977 u li l-linja MSISDN 9933 3555 kienet registrata f'isem l-imputat odjern u cioe' Peter Borg Junior. Meta saret il-verifika dwar il-localisation tat-tlett telefonati li ghadha kemm saret referenza ghalihom, u cioe' iz-zewg telefonati fejn sar it-top up u t–telefonata fejn saret it-theddida ta' bomba gie stabbilit li l-ewwel kuntatt cioe' dak li sar fis-sebgha, disgha u hamsin minuta u tmienja u tletin sekonda (7.59.38) gie rregistrat minn antenna mgharufha bhala cell Birkirkara two C (2 C), is-Service Provider hekk jaghrafha din l-I.D. ta' din l-antenna. Din qieghdha fil-bini bl-isem E. Calleja and Sons, Light Shop li huwa sitwat fi Triq in-Naxxar, Birkirkara. It-tieni(2) kuntatt u cioe' dak li sar fit-tmienja u erbgha sekondi (8.00.04), gie rregistrat minn l-antenna mgharufa bhala cell Lia, Hal Lija three A (3 A), li qieghdha fuq l-istabbiliment bl-isem Bathroom Design Warehouse Stores li sitwat fi-Triq ic-Citru, Lija. It-tielet(3) kuntatt u *'cioe' dak li sar fit-tmienja disgha u erbghin minuta u ghoxrin sekonda (8.49.20) li hija tat-theddida li saret lejn il-Qorti gie rregistrat mill-antenna maghrufha ahjar bhala cell Naxxar one A (1 A), li qieghdha fil-kumpless Stefano Zerafa Thecnical School li huwa sitwat fi Triq il-Kbira, Naxxar.'*

Meta sar l-ezercizzju tat-triangulation ta' dawn it-tlett antenae instab li r-residenza tal-imputat, u cioe 7, Triq Jannara, B'Kara kienet taqa' fir-raggi ta' dawn it-tlett antenae. Abbazi ta' din l-informazzjoni migbura l-Pulizija baghtet ghall-imputat odjern, u cioe' Peter Borg Junior

(karta tal-identita numru 557979(m)) fejn huwa cahad li kien ghamel it-telefonata tat-theddia ta’ bomba fl-edificcju tal-Qorti tas-7 ta’ Dicembru 2007 u fejn irrilaxja stqarrija fejn ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu. (stqarrija relattiva nserita a fol. 29 sa 31 tal-process).

Dawn id-dettalji kollha dwar liema numri, MSISDN’s u localistation li ghadha kemm saret referenza ghalihom fil-paragrafi precedenti lkoll gew ikkonfermati minn Damaris Mifsud, ir-rapprezentanta tal-Vodafone plc li xehdet kemm fl-udjenza tal-20 ta Novembru 2008 fejn esebiet Dok. YM1 kif ukoll fl-udjenza tat-12 ta’ Frar 2009 fejn esebiet Cd mmarkat bhala Dok. CD1.

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tat-12 ta’ Frar 2009 il-Qorti hatret lil Martin Bajada bhala espert tekniku sabiex jaghmel l-analizi kollha mehtiega relattivament ghall-mobile phones esebiti f’dawn l-atti u mmarkati bhala Dok. CM1 u Dok. CM3 rispettivament, johrog l-informazzjoni kollha mehtiega inkluzi l-call profile analyses relattivi. Fl-udjenza tal-20 ta’ Marzu 2009 gie indikat lill-espert tekniku li huwa kellu jaghmel analizi fuq il-linja MSISDN 99839805 b’referenza ghat-telefonata li saret fis-7 ta’ Dicembru 2007, jara x’komunikazzjoni kien hemm lejn numri ohrajn minn dak in-numru fit-tali gurnata, kif ukoll jiddentifika n-numri kollha li hemm fiz-zewg mobiles esebiti kif ukoll jirrelata dwar informazzjoni ohra li hija opportuna f’dan il-kaz. Ir-rapport tal-espert tekniku gie esebit u mahluf waqt l-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2009 (rapport inserit a fol. 286 tal-process) fejn huwa l-ewwel spjega li sabiex jespleta l-inkarigu lilu moghti uza s-segwenti analizi u metodu :-

‘ 7. L-allegat telefonata fuq liema qieghda issir l-analisi hijja is-segwenti

MSISDN **9983 9805**
Date 7.Dec.07
Time 08:49:20
MSISDN 2590 2000
Duration 39

IMEI **358375 00 911392**
Location Naxxar_1_A

Dina t-telefonata tinsab dokumentata fil-*call profile* a fol 122 tal-process.

8. Minn dina t-telefonatat gew analizati u ricerkati zewg elementi, MSISDN 9983 9805 (minn fuq liema linja saret it-telefonata) u IMEI 358375 00 911392 (minn fuq liema apparat saret it-telefonata).

**MSISDN 9983 9805**

9. Ma jirrizultawx dettalji tal-abbonat ta' dina l-linja cellulari li ntuzat ghall-ewwel darba fis-7 ta' Dicembru 2007 (ara fol 122).

10. Jirrizulta li MSISDN 9983 9805 fis-7 ta' Dicembru 2007 intuza ukoll fuq IMEI number **356403 01 567761** barra minn 0358375 00 911392.

**IMEI 356403 01 567761**

11. Mir-ricerka minn fuq il-*call profiles* prezentati mill-Ufficjal Prosekutur dan il-IMEI 356403 01 567761 huwa dokumentat mis-*service provider* Vodafone Malta Limited l-intuza ukoll mill-MSISDNs 9933 3555, 9911 1977, 9927 6517, 9999 9699 kif ukoll minn MSISDN 9983 9805.

12. Minn ricerka fuq MSISDNs 9933 3555, jirrizulta li dan il-MSISDN 9933 3555 huwa r-registrat mas-service provider Vodafone Malta Limited fuq Peter Borg ta' ID 0557979(M) ta' 7 Triq Jannara, B'Kara – ara fol 245.

**IMEI 358375 00 911392**

13. Mir-ricerka minn fuq il-*call profiles* esebiti mill-Ufficjal Prosekutur jirrizulta li l-IMEI 358375 00 911392 intuza ukoll mill-MSISDNs 9928 3013, 9983 9805 u 9923 8764.

14. **MSISDN 9928 3013** huwa registrat mas-service provider Vodafone Malta Limited fuq Marygrace Borg ID 0303674(M) ta’ 121 Flat 2, Triq Ghajn Dwieli, Paola.

15. **MSISDN 9983 9805** mhux registrat pero’ dan il-MSISDN intuza mill-IMEI 356403 01 567761 (ara punt 11 u 12 hawn fuq).
16. **MSISDN 9923 8764** intuza fuq IMEIs 358375 00 911392, 359399 00 700014 u 35971 01 120418. Fejn IMEI 358375 00 911392 gie elevat minghand Marygrace Borg ID 303674(M) waqt li IMEI 359399 00 700014 gie elevat minghand Peter Borg ID 391356(M).

17. **MSISDN 9923 8764** hijja paired ma ICC (SIM Card) 8935 6012 0070 7374 938, liema SIM Card giet elevati minghand Peter Borg ID 391356(M) – DOK CM1.

18. **MSISDN 9923 8764** jirrizulta li huwa registrat fuq Peter Borg ID 391356(M) ta’ 7 Triq Jannaca, B’Kara ara DOK AD1 *call profile* fuq MSISDN 9923 8764 a fol 260 et seq.

L-espert tekniku kkonkluda s-segwenti:-

*‘19. Illl, l-informazzjoni kollha f’dan ir-rapport giet estratta minn fuq call profiles esebiti mill-Ufficjal Prosekutur f’DOK 24 – DOK 25 – DOK 26 – DOK 27 –DOK 28 – DOK AD1 u minn fuq zewg cellulari esebiti bhala DOK CM1 u DOK CM3.*

*20. Illi, registration details indikati f’dan ir-rapport inkisbu minn fuq il-call profiles esebiti u hawn fuq indikati.*

*21. Illi, l-esponent jiddikjara li ttraskriva fis-sewwa, fedelment u bl-ahjar hila u taghrif l-informazzjoni estratta minn fuq il-call profiles u ic-cellulari u s-SIM Card.*

*22. Illi waqt li **MSISDN 9983 9805**, liema MSISDN ntuza sabiex saret it-telefonata fis-7 ta’ Dicembru 2007, mhux registrat, dan il-MSIDN intuza esklussuiivament minn fuq zewg IMEIs (cellulari) u cioe’ **IMEI 356403 01 567761** u IMEI 358375 00 911392 (IMEI 358375 00 911392 (IMEI*

*358375 00 911392 minn fuq liema saret it-telefonata lill-MSISDN 2590 2000).*

*23. Illi, ghalkemm **IMEI 358375 00 911392** gie elevat minghand Marygrace Borg ID 303674(M) fit-3 ta' Mejju 2008. Il-call profiles analizati jindikaw li fil-perjodu (7 ta' Dicembru 2007) meta saret it-telefonata minn fuq MSISDN 9983 9805 lill-MSISDN 2590 2000 ic-cellulari uzat (IMEI 358375 00 911392) kien qieghed jaghmel uzu minnhu l-abbonat Peter Borg ID 391356(M) ta' 7 ta' Jannaca, B'Kara u dan bil-MSISDN 9923 8764.'*

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku kif ukoll il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u jidrilha li ge pruvat b'certezza li :-

1. Fis-7 ta' Dicembru 2007 it-telefonata li tifforma l-mertu ta' dan il-kaz, u cioe' dik fejn saret theddida ta' bomba fl-edificcju tal-Qorti, saret minn IMEI numru 35837500911392 u billi intuzat il-linja MSISDN 99839805.
2. Illi din il-linja, MSISDN 99839805 ma hija registrata fuq hadd u qatt ma regghat intuzat wara li saret it-telefonata in dizamina.
3. Illi fis-7 ta' Dicembru 2007 u ghal perijodu ta' ftit xhur wara din id-data l-apparat cellulari IMEI numru 35837500911392 kien qed jaghmel uzu minnu Peter Borg Senior (karta tal-identita' numru 391356(m).
4. Illi l- MSISDN 99839805 intuza esklussivament minn zewg IMEI's (cellulari) u cioe' IMEI 35640301567761 u 35837500911392.
5. Illi IMEI 35640301567761 kien jintuza minn Peter Borg Junior.

Il-Qorti izda jidrilha li ma giex pruvat min miz-zewg Peter Borg ghamel it-telefonata in dizamina stante li kif ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti mill-provi u mill-konkluzjonijiet tal-espert tekniku rrizulta li t-telefonata saret minn IMIEI li fis-7 ta' Dicembru 2007 kien jintuza minn Peter Borg Senior b' MSISDN li ma kien registrat fuq hadd izda li madwar tlett kwarti qabel ma saret it-

telefonata kien intuza (MSISDN 99839805) fuq IMIEI iehor (35640301567761) li dak iz-zmien kien jintuza minn Peter Borg Junior. Tenut kont li Peter Borg Senior u Peter Borg Junior huma missier u iben li mill-atti processwali jirrizulta li t-tnejn jirrisjedu fl-istess indirizz u cioe' 7, Triq Jannara, B'Kara ma jistghax jinghad b'certezza min minnhom fis-7 ta' Dicembru 2007 fit-8.49.20am dahhal il- MSISDN 99839805 fl-IMEI 35837500911392 u ghamel it-telefonata ghal fuq MSISDN 25902000, u cioe' in-numru tal-edificcju tal-Qorti. Una volta li jezisti dan id-dubju ma jistghax jitqies li l-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat Peter Borg Junior jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------